MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2006

Numru 310/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Galea**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva permezz ta' att ta' citazzjoni kontra Anthony Galea talli fl-24 ta' April 2006 ghall-habta tad-disgha neqsin ghoxrin ta' filghaxija fi Triq Dun Grezz Farrugia, Xewkija, Ghawdex (**1**) saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAL-129 ta' ghamla Land Rover b'manjiera perikoluza u *speed* eccessiv, u (**2**) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemija vettura fid-direzzjoni ta' Maria Pace mix-Xewkija; il-prosekuzzjoni talbet li f'kaz ta' htija l-imsemi Galea jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Settembru 2006 li

permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Anthony Galea hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti u, wara li rat l-Artikolu 15(1)(2) tal-Kap. 65, ikkundannatu multa komplesssiva ta’ hamsin lira (Lm50) u skwalifikatu mill-licenzja tas-sewqan ghal periodu ta’ xahar;

Rat ir-rkors ta’ appell ta’ l-imsemmi Anthony Galea, minnu ppresentat fis-27 ta’ Settembru 2006, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat latti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-22 ta’ Dicembru 2006; ikkunsidrat:

Jekk wiehed jezamina sew ir-rikors ta’ appell dan fih, fir-realta`, aggravju wiehed u cioe` li ma kienx hemm provi sufficjenti li abbazi taghhom l-ewwel qorti setghet tasal ghall-konkluzzjoni ta’ htija li waslet ghaliha. In fatti l-appellant ighid testwalment hekk:

**“L-Ewwel Onorabbli Qorti sabet htija fl-esponenti abbazi ta’ dak li xhedu l-konjugi Pace kif ukoll rita Grima, Tania Saliba u l-PS 1377 Emanuel Cilia. Irid jigi innutat pero` li r-relazzjonijiet ta’ bejn il-konjugi Pace u l-esponenti xejn ma jistghu jitqiesu bhala kordjali. Fil-fatt kien hemm diversi kawzi kriminali bejn il-konjugi Pace u l-esponenti u ghad baqa’ ohrajn li huma pendenti. Stante din l-animosita` wiehed ma jistax jistenna li b’xi mod il-konjugi Pace jistghu qatt ipoggu lill-esponenti f’dawl sabih. Oltre minn hekk hemm nuqqas ta’ uniformita` f’dak li xehdu d-diversi persuni li kienu presenti *di persona* fil-post fil-hin li graw il-fatti allegati. Dan iqajjem certu mistoqsijiet ghar-rigward il-veracita` u kredibbilita` ta’ dak li qieghed jigi attribwit lill-esponenti.”**

L-appellant ikompli billi, f’erba’ paragrafi, jislet u jezamina d-diversi deposizzjonijiet tax-xhieda biex, skond hu, juri li l-ewwel qorti kienet skorretta meta sabitu hati.

Din il-Qorti, wara li regghet semghet il-provi kollha fl-udjenza tat-22 ta’ Dicembru 2006, hi tal-fehma li l-

appellant m'ghandux ragun. Ghalkemm hemm varjazzjonijiet zghar bejn dak li xehdu Maria Pace, Tania Saliba, Rita Grima u Carmel Pace, dawn id-divergenzi la jolqtu l-kredibbilita` tax-xhieda u lanqas l-attendibbilita` ta' dik li hija l-versjoni minnhom moghtija ta' kif sehh l-incident meritu ta' din il-kawza. Hija haga naturali li meta jkun hemm aktar minn persuna wahda li qed tara incident – jew sensiela ta' fatti jsehhu li flimkien jaghmlu l-incident *de quo* – kull wiehed minnhom xi ftit jew wisq jara l-affarijiet mill-ottika tieghu: min minhabba l-posizzjoni (*location*) li jkun jinsab fiha relattivament ghal dak li jkun qed jara, min ghax tolqtu aktar haga milli hag' ohra, min ghax ikun wasal fuq il-post ftit sekondi qabel jew wara persuna ohra, u min ghax il-memorja tieghu jew il-mod kif jesprimi ruhhu jkunu aktar jew anqas tajbin minn ta' persuna ohra li tkun xhud tal-istess incident. Il-varjazzjonijiet fid-deposizzjonijiet taghhom ma jkunux, ghalhekk, neccessarjament jammontaw ghal kuntradizzjonijiet, izda pjuttost xhud ikun qed jikkorrobora lill-iehor f'punt wiehed partikolari izda mhux f'punt jew punti ohra. Infatti spiss jinghad, anke f'direttivi lill-gurati fil-Qorti Kriminali, li korroborazzjoni ma tfissirx li xhud jirrepeti b'mod preciz ghal kollox dak li jkun qal xhud iehor – anzi pjuttost li jekk ikollox ripetizzjoni pappagalleska u identita` assoluta ta' zewg deposizzjonijiet, dan x'aktarx huwa sinjal biex il-gudikant tal-fatt joqghod aktar attent ghall-possibilita` ta' kolluzjoni.

Fil-kaz in dizamina, Maria Pace tghid li l-incident beda meta l-appellant tfacca "b'velocita` kbira" fil-qrib ta' fejn hija kienet qed titkellem mal-hbieb taghha. Tania Saliba tesprimi l-istess hsieb pero` bi kliem differenti: "F'salt. Filli tkun titkellem u filli tara Land Rover hekk fuqek…kullma rajt il-karozza fuqna." Rita Grima (li din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, setghet taprezza l-genwinita` taghha) tghid: "…ghadda jsuq minn fejna…tista' tghid ihokk maghna…ahna konna qeghdin nithaddtu imbaghad rajnieh gej, u nhsadna, kien gej b'velocita` insomma…". Issa din kienet biss l-ewwel parti tal-incident. Il-konjugi Pace fissru li, ftit wara, l-appellant saq il-Land Rover tieghu, ukoll b'mod skonsiljat ghal dik li hi velocita`, fid-direzzjoni taghhom u li kieku hija (Maria Pace) ma heffitx

il-pass u telghet fuq il-bankina, kienet tintlaqat. Din il-Qorti hija sodisfatta li l-incident gara kif qed jghidu kemm Maria Pace, korroborata minn Saliba u Grima (ghal dak li jirrigwarda l-ewwel parti tieghu) kif ukoll Maria Pace u zewgha Carmel (ghal dak li jirrigwarda t-tieni parti tal-incident). Huwa veru li t-tieni imputazzjoni kif riportata fic-citazzjoni, fiha nnifisha u wahedha ma tammontax ghal reat – li wiehed isuq vettura fid-direzzjoni ta' persuna ohra ma hux *per se* reat – izda din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, tara li dak li jinghad f'din it-tieni imputazzjoni huwa semplicement prolungament jew eleborazzjoni tal-ewwel imputazzjoni, fis-sens li l-appellant, allura imputat, saq b'manjiera perikoluza u bi *speed* eccessiv meta saq fid-direzzjoni ta' Maria Pace. L-ewwel qorti, infatti, korrettement ghamlet referenza biss, fis-sentenza taghha, ghall-Artikolu 15 tal-Kap. 65.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta' xahar ta' skwalifika mill-licenzja tas-sewqan jibda mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------